GCP/PAP, 26.155

# TIFHIR U TALB

LIL SIDTNA

# MARIA VERGINI

## TAL HERBA

Ivvenerata

fil Cnisja filiali ta Birchircara

mictuba minn

**Don L. Mifsud Tommasi**

Stampata fid-Dâr San Gużepp
Hamrun—1915

I.

Minn tal Herba, Omm ħanina,
Min ifisser l' eghgiubiet
Illi bihom din il gzira
Imhennija minnec giet!
Omm min t'Alla, xebba deijem,
Chemm u chemm grazzi ferrakt
Is-Santuarju għażiż tighec
Dieher juri giò cull uakt.

*Ave Maria, etc.*

II.

Lejn il ġmiel il gid u 'l għana,
Li biħ jiddi l'altar tighec,
Cull min jidħol jibka iħares,
U iħoss kalbu tifraħ mighec.
Int il cheucba min tas-sebħ,
Illi tchecci id-dlamijet:
Il maħluk bid-daul issebbaħ,
U tal kalb tekred is-suied.

*Ave Maria, etc.*

III.

Int il cheucba minn tal baħar,
Illi tfarraġ bid-daul tighec,
Ir-riħ trakkad, u 't-tempesti,
U cull barca iggib. int mighec.

Int lil ghomia tati 'd-daul,
Ta l'imbiccma tħoll ilsien,
Lil maghtuba trodd is-saħħa,
Thenni 'l morda bil feikien.

*Ave Maria, etc.*

IV.

Int fi ħdanec tilka 'l midneb,
Illi nîedem id-dnub ħalla:
Kuddiem Ibnec ghaliħ titlob
Biex il maħfra lilu tkalla.

Lejc imbicchi ghajnejħ jarfa
Min maħkur jinsab fil hemm:
Int il faraġ lilu tati,
U cull dieka fis ittemm.

*Ave Maria, etc.*

V.

Mil eghdeuua taħħom collhä
Rebbeħin toħroġ l'insara,
Ghalchemm ħarxa tcun il killa,
Li trid biss il kirda tara.

Ta edaun l'eghgiubijet
B'ghaxka taghna l'iżied cbira
F'das-Santuarju imkaddes tighec
Sibna deijem it-tifchira.

*Ave Maria, etc.*

## VI.

It-talb taghna fl'isem tighec,
Isem ħelu, isem sabiħ,
Minnec deijem hu migiub,
Lilec jati l'icbar giħ.

Ghalecc aħna b'dana l'isem
Omm tal Herba aħna inselmulec,
Kalbna collha mighec nifthu,
Ebda nichet ma naħbulec.

*Ave Maria, etc.*

## VII.

Ta kalb Ibnec int Sultana,
Omm Gesù bla tarf ħanina,
Aħna kalbna lilec natu,
Itlob int deijem ghalina.

Ibnec lilec m'hux biss Ommu,
Iżda ucoll tcun Ommna riedec,
U chif sirna aħna ilcoll ħutu,
Hecc ucoll sirna aħna uliedec.

*Ave Maria, etc.*

## VIII.

Bl' acbar ħrara nitolbuc
Fit-tigrib la tħalliniex,
Il ghajnuna ħil uakt neuuel
Biex il hemm ma jaħkarniex.

F' ideic Alla il ghana telak
  B' gid is-sema biex taghnina,
  Sabiex tista lilna turi
  Chemm bla tarf int Omm ħanina.

*Ave Maria, etc.*

IX.

L' eghgiubiet tal ħniena tighec
  Uri maghna nitolbuc:
  Ma dic kalbec orbot kalbna
  Bħal ulied biex inħobbuc.

Int fil biża t'Alla żommna,
  Biex ma nakghu fl'ebda ħtija,
  Sa chem uara il meut min taghna
  Int tuassalna fid-dgaudija.

*Ave Maria, etc.*

X.

Isma 't-talb, isma l'ughiedi,
  Ilka 'l giħ, ilka 'l foħrija,
  Ilka 'l barca li natuc.
  Min tal Herba Omm int Maria.

Lil Missier, li ħtarech b'Bintu,
  Lil Gesù li ghamlec Ommu,
  Lil Gharus Ruħ-il-Kdusija,
  Kima natu f'kalbna inżommu.

*3 Gloria Patri,*

*L'Eccellmu. u Revmu. Mons. Carmelo Conte Scicluna, Iskof taghna, b'degriet tat-12 ta Frar, 1897, jati erbghein jum indulgenza, lil min bil kalb ighid dana l' Innu.*

NIHIL OBSTAT
Die 12 Februarii 1879
G. CAN. SCERRI VIC. GEN.

Reimprimatur, Datum Vallettæ
Die 28 Junii 1910
P. *Arch. Epus.*